MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 170/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi fit-23 ta' Marzu tas-sena elfejn il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku Valletta. Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok RV1:

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet mghandhomx tfal:

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju dwar il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal parti biex jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg:

Illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga:

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga:

Illi ghalhekk l-attrici qed tipprezenta din il-kawza sabiex titlob li dan iz-zwieg iccelebrat fit-23 ta' Marzu 2000 jigi ddikjarat null u minghajr effett ai termini ta' l-Artiklu 19(1)(c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Marzu 2000 u dan ai termini tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, filwaqt li l-konvenut huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fis-27 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-attrici kif kontenuti fic-citazzjoni huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress li m'huwiex minnu illi l-kunsens ta' l-eccipjenti kien vizzjat b'difett

serju dwar il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal parti biex jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

2. Illi lanqas m'hu minnu li l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita' ta' l-eccipjenti li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u lanqas illi l-kunsens ta' l-eccipjenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici u ta' ommha.

Rat li l-konvenut ma ppresentax provi *nonostante* li gie moghti l-opportunita' jaghmel dan fis-seduti ta' l-14 ta' Ottubru, 2005 u 9 ta' Dicembru, 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Marzu, 2000 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (c) (d), (f) u (g) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut mhux qed jaqbel u qed jopponi ghall-annullament izda ma ressaqx provi in sostenn ta' dak li qed jghid hu.

Madankollu dan ma jfissirix li t-talba attrici ghandha tigi awtomatikament milqguha minhabba dan ghaliex kif dejjem

irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan il-Qorti qalitu meta kellha quddiemha ammissjoni u certament japplika iktar meta l-konvenut jikkontesta t-talba, ghalkemm ma jressaqx provi.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) - meta l-kunsens ta' parti jinkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha tista' tfixkel il-hajja mizzewga.

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attrici l-Qorti konvinta li t-talba taghha

ghandha tigi milqugha, anke biss fuq il-fatt li l-konvenut mill-ewwel granet taz-zwieg ghamilielha cara li ma riedx li jkollhom tfal. Kif gie anke ritenut minn din il-Qorti fil-kawza Anna Galea vs John Walsh deciza fis-sena 1995, il-fatt li anke parti wahda tkun eskludiet li jkollhom tfal huwa bizzejjed biex irendi z-zwieg null. Il-Qorti pero' jidrilha illi hemm bizzejjed provi li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-sub-artikoli kollha citati. Il-konvenut mill-ewwel wera li mhux affidabbli bhala ragel mizzewweg, forsi anke ghaliex il-partijiet dahlu ghaz-zwieg f'eta' pjuttost zghira.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-23 ta' Marzu, 2000. L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------